VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,362, 30 ta' Diċembru, 2014
Taqsima B

A.L. 481 tal-2014

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Koperazzjoni ma' Ġurisdizzjonijiet Oħra fuq Kwistjonijiet ta' Taxxa (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 76 u 96 tal-Att dwar it Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Koperazzjoni ma' Ġurisdizzjonijiet Oħra fuq Kwistjonijiet ta' Taxxa (Emenda Nru. 2), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Koperazzjoni ma' Ġurisdizzjonijiet Oħra fuq Kwistjonijiet ta' Taxxa, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 123.127

Jemenda r-regolament 28 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 28 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tas-subregolament (1) tiegħu minflok il-kliem "Ftehim FATCA. Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar tista' tagħżel, jew fir-rigward tal-Kontijiet Individwali Pre-eżistenti kollha jew, separatament, fir-rigward ta' xi grupp identifikat b'mod ċar ta' tali kontijiet, li ma tirrevedix, ma tidentifikax u ma tirrapportax il-Kontijiet Individwali Pre-eżistenti msemmija fit-taqsima II.A tal-Ftehim FATCA. Dik l-għażla għandha ssir b'dak il-mod li l-Kummissarju jista' jiddetermina;" għandhom jidħlu l-kliem "Ftehim FATCA;"; u

(b) minnufih wara s-subregolament (2) tiegħu għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar tista' tagħżel li ma tirrevedix, ma tiddentifikax jew ma tirraportax kontijiet imsemmija fit-taqsima II.A., III.A, IV.A u V.A tal-Anness I tal-Ftehim FATCA skont kif applikabbli. Dik l-għażla għandha ssir b'dak il-mod li l-Kummissarju jista' jiddetermina.".